

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/283**tat-22 ta' Frar 2021****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/906 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sahel**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2274 ⁽¹⁾ li taħtar lis-Sur Ángel LOSADA FERNÁNDEZ bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għas-Sahel.
- (2) Fil-25 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/906 ⁽²⁾ li testendi l-mandat tas-Sur Ángel LOSADA FERNÁNDEZ bħala r-RSUE għas-Sahel. Il-mandat tar-RSUE ġie estiż ulterjorment bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/253 ⁽³⁾. Il-mandat tar-RSUE għandu jiskadi fit-28 ta' Frar 2021.
- (3) Jenħtieġ li l-mandat tar-RSUE jiggi estiż għal perijodu ulterjuri ta erba' xhur, fl-ammont ta' referenza finanzjarja kif stabbilit fl-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/906, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2020/253.
- (4) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-ksib tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/906 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej :

"Il-mandat tas-Sur Ángel LOSADA FERNÁNDEZ bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għas-Sahel huwa estiż sat-30 ta' Ġunju 2021. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jintemm aktar kmieni, abbażi ta' valutazzjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u ta' proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).";

- (2) fl-Artikolu 14, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-rapport komprensiv finali dwar l-implimentazzjoni tal-mandat tar-RSUE għandu jiggi ppreżentat sat-30 ta' April 2021.".

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2274 tas-7 ta' Diċembru 2015 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sahel (ĠU L 322, 8.12.2015, p. 44).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/906 tal-25 ta' Ġunju 2018 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sahel (ĠU L 161, 26.6.2018, p. 22).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/253 tal-25 ta' Frar 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/906 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sahel (ĠU L 541, 26.2.2020, p. 9).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES
